18 ta' Frar 1965

**Imħallef:**

**Onor. Dr. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Anthony Ruggier nomine

*versus*

Francis Refalo

**Kuntratt ta' spedizzjoni ta' merċi 'on consignment' — Bejgħ — Kummissjoni**

*Il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merċi 'on consignment' huwa kuntratt mhux ta' bejgħ, imma pjuttost ta' kummissjoni u għalhekk il-kreditur għandu dritt jitlob il-prezz tal-merkanzija biss li tkun mbiegħet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma mbiegħetx.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine — wara li ppremetta illi huwa, fil-kwalità premessa biegħ lill-konvenut diversi oġġetti tal-fotografija frames, trays u oġġetti oħra bil-prezz ta' £95.16.2. u li l-konvenut ħallas £39.7.8. akkont tal-prezz u rritorna oġġetti tal-valur ta' £13.12.-. u għalhekk baqgħalu jħallas il-bilanċ ta' wieħed u erbgħin lira, sittax-il xelin u sitt soldi (£41.16.6.) — talab li l-konvenut, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi kkundannat min din il-Qorti li jħallas lilu s-somma ta' wieħed u erbgħin lira, sittax-

il xelin u sitt soldi (£41.16.6.) bl-imgħaxijiet kummerċjali minn notifika tal-ittra uffiċjali u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Jannar 1962 u tal-mandat ta' *Qbid*;

Rat id-dokument prodott ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut (fol. 7) li biha eċċepixxa illi t-talba tal-attur hija nfondata fid-dritt u fil-fatt għaliex l-operazzjonijiet li kienu saru bejn il-kontendenti ma kienux ta' bejgħ: u fi kwalunkwe każ il-kontendenti kienu llikwidaw il-pendenzi kollha li kellhom bejniethom u l-eċċipjent kien ħallas lill-attur il-bilanċ dovut u għalhekk id-domandi tal-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

OMISSIS:

Tikkunsidra illi l-perit issottometta illi ċ-ċitazzjoni kienet bażata fuq kawżali ħażina, għaliex skond il-provi kien *irriżulta* illi bejn il-partijiet ma kienx hemm kuntratt ta' bejgħ imma dak li fid-dottrina kontinentali jissejħulu "kuntratt estimatorju" u kwindi l-attur missu l-ewwel talab ir-ritorn tal-oġġetti kunsinjati u fin-nuqqas il-kundanna għall-ħlas tal-valur kif stmat bejn il-partijiet, tal-oġġetti li ma ġewx ritornati;

Mill-provi *rriżulta* illi l-attur kien jagħti lill-konvenut merkanzija konsistenti fi frames ta' diversa kwalità biex ibigħhа hu: dawk l-oġġetti li l-konvenut ma kienx ibigħ kien jirritornahom u l-pagamenti kienu jsiru ftit ftit. L-attur iddikjara kategorikament li kien itih bir-ritorn u dejjem aċċetta l-gwarniċi li l-konvenut ġiblu lura: xehed wkoll li l-ftehim partikolari bejniethom ma kienx hemm. *Il-konvenut l-ewwel xehed* illi l-prezz tar-rivendita da parti tiegħu kien jiffissahulu l-attur u l-profitt kien jibqa' *għalih*, però wara li kien jiffissa huwa l-prezz u, ġie li ma qalax wkoll. M'hemmx kwistjoni li l-konvenut ibigħ b'ismu, u lill-attur kien iħallas skond il-fat-

tura rilaxxjata lilu mal-konsenja tal-merkanzija;

Kif intqal fuq il-perit irrelata illi l-kawża kienet magħmula ħażin. *Mill-linja ta' difiża* tal-konvenut mill-ewwel deher, u dan il-punt ġiet iktar delucidat bix-xhieda tal-konvenut wara li ġie preżentat ir-rapport, illi l-konvenut m'għandu xejn fil-poter tiegħu billi huwa jew biegħ jew irritorna l-oġġetti kollha li ħa mingħand l-attur;

Issa anki jekk ma kienx hemm bejgħ mill-bidu *jiġifieri* meta l-konvenut ħa l-oġġetti mingħand l-attur u fuq dan il-punt il-Qorti m'hix qegħda tippronunzja ruħha, dan *il-bejgħ* sar żgur meta l-konvenut reġa' biegħ il-merkanzija u kwindi sar debitur tal-prezz lejn l-attur. *Każ bħal dana huwa ripor*tat fil-kolliżjoni tad-Deċiżjonijiet Vol. XXXV. Parte III Pag. 574 (*in re* Avukat Dottor George Vassallo vs Victor Caruana noe) għalkemm ma kinitx ġiet sollevata formalment l-eċċezzjoni mogħtija fil-kawża odjerna u l-Qorti appuntu rriteniet illi kuntratt ta' spedizzjoni ta' merċi 'on consignment' huwa kuntratt mhux ta' bejgħ imma pjuttost ta' kummissjoni u għalhekk il-kreditur għandu dritt jitlob il-prezz tal-merkanzija biss li tkun mbiegħet, u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma mbiegħetx. Għalhekk il-każ tal-attur jinkwadra ruħu perfettament f'dak li ġie ritenut f'dik id-deċiżjoni.

L-attur fiċ-ċitazzjoni ma semmiex bejgħ in konsenja bħal ma kien sar fiċ-ċitazzjoni deċiża bl-imsemmija sentenza, imma semma li kien sar bejgħ; la darba l-bejgħ verament sar, jekk mhux mal-kunsinja tal-merkanzija lill-konvenut, fil-mument li l-konvenut reġa' biegħ huwa l-merkanzija, ma jistax jingħad li l-kawżali hija ħażina u m'għandhiex iċ-ċitazzjoni tiġi ritenuta li saret ħażin għaliex m'hemmx imsemmija espressament il-kliem 'kunsenja'. Jekk wieħed jeżamina s-sentenza preċitata jsib illi kien irriżulta illi l-konvenut kien biegħ parti mill-merkanzija in konsenja u kien għad fadallu merkanzija

oħra f'idejh u l-Qorti laqgħet it-talba għal dik il-parti tal-merkanzija mibjugħa mill-konvenut u ċaħdita għal dik il-parti li kienet għadha f'idejn il-konvenut salvo d-dritt tal-attur għal dik il-merkanzija li kien baqa' f'idejn il-konvenut. Fil-każ preżenti la darba kif diġà ntqal merkanzija iktar f'idejn il-konvenut m'hemmx, m'hemm ebda ostakolu li jimpedixxi illi l-kawża titkompla skond it-talba, salvo dejjem il-prova fil-meritu jekk il-konvenut huwiex debitur jew le.

Għaldaqshekk tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tordna illi l-kawża titkompla fil-meritu.